MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1377/2002

**Sandro u Mary Rose konnjugi Cassano.**

**-vs-**

**John u Bridgette konjugi Pisani.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi bieghu u ttrasferew lill-konvenuti in forza ta' skrittura tat-28 ta' Dicembru 1999, kopja hawn annessa u markata bhala Dok 'A', l-azzjonijiet kollha fis-socjeta' Misty Blue Co Limited;

Illi l-konjugi Pisani b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Anthony Abela tat-28 ta' Dicembru 1999, kopja esebita markata bhala Dok 'B', kkostitwew ruhhom solidalment debituri fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u hamsin lira Maltin favur l-atturi u fejn giet pattwita wkoll il-modalita' tal-pagament f'rati mensili ta' mija u hamsin lira Maltin b'effett mill-14 ta' Jannar 2000 u bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) f'kaz ta' morozita' fi tlett skadenzi;

Illi l-konvenuti huma moruzi f'numri ta' skadenzi;

Illi l-konvenuti huma nsolventi u l-kundizzjoni taghhom inbidlet tali li qed tipperikola l-pagament tad-debitu u tapplika wkoll l-effett tal-kundizzjoni tacita rizoluttiva kif pattwit fid-dritt ta' l-obbligazzjonijiet;

Illi dan kollu jgib id-dekadenza mil-beneficcju tat-terminu b'mod illi l-bilanc kollu huwa dovut.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi in vista tas-suespost, il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u ghalhekk il-bilanc kollu huwa dovut;

2. tillikwida l-ammont rizultanti fid-dawl tal-provi li huwa dovut immedjatament;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat minnufih;

4. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imghax fuq l-ammont kollu u intier dovut mid-data tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru: 1956/02, bl-imghax mid-data tal-kuntratt u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-1 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa;

a. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma purament vessatorji u ghandhom jigu michudin bl-ispejjes stante li l-esponent hallas is-somma konsiderevoli ta' flus u dejjem ghamel u qed jaghmel minn kollox biex ikompli jottempera ruhu mal modalita tal-hlas kif miftiehem.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuta *nonostante* li nghatat l-opportnita' trsessaq l-eccezjonijiet taghha naqset li taghmel dan u ghalhekk hija kontumacji skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi l-konvenuti ddekadew mill-benficcju tat-terminu moghti lilhom fil-kuntratt imsemmi fic-citazjoni u allura jigu kundananati jhallsu l-bilanc dovut lill-atturi.

Mill-provi jirrizulta illi l-konvenuti kienu ddikjaraw ruhhom debituri soldalment tal-konvenuti ghas-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm22,850) (fol 9) u li kellhom ihallsu dawn l-ammonti f’pagamenti ta’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) fix-xahar. L-attur meta xehed fis-seduta tal-25 ta’ Frar, 2005 qal li wara xi xhur li fihom il-konvenut kien qed ihallas din is-somma kull xahar waqaf jaghmel dan u kkalkola li kien baqalu jiehu cirka ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000). Fil-fatt imbaghad esebixxa dokument fejn indika iktar precizament l-ammont li kien baqalu jiehu. Il-konvenut ippresenta affidavit fejn qal li huwa kellu jaghlaq il-hanut maghruf bhala Misty Blue f’Mejju 2002 minhabba diffikoltajiet li dahal fihom wara li kellu problemi mall-konvenuta. Ghalhekk jirrizulta li huwa ma baqax ihallas u prova jbigh il-proprjeta’ biex ikun jista’ jhallas lill-attur izda martu ma kkoperatx mieghu u ma setax ihallas.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Felix Borg vs Paul Vella Muscat deciza fis-26 ta’ Marzu, 1967 irriteniet illi;

“*.. jinghad li gie kemm-il darba deciz illi ‘la sola mora nel pagamento delle rate din un debito non trae seco di conseguenza la decadenza del debitore dal beneficio del termine, ma e’ necessario a tale effetto il concorso delle donizioni menzionate nell articolo 785 dell Ordinanza VVII del 1868.*” Ara PA Civili 30 ta’ Gunju, 1874 - Giuseppe Theuma vs Paolo Ceravolo u PA Civili 3 ta’ Mejju, 1930 - Giuseppe Grech vs Tommaso Xuereb et.

Iktar ‘il quddiem il-Qorti sabet li *hija sodisfatta li c-cirkostanzi finanzjarji tad-debitur illum ma ghadhomx l-istess kif kienu meta l-konvenut ikkontratta d-djun .. u kwindi l-attur jinsab fil-periklu li jitlef il-krediti tieghu.*

L-istess f’din il-kawza l-Qorti hija sodisfatta li l-posizzjoni finanzjarja tal-konvenuti ppegjorat notevolment ghaliex fil-

waqt li meta kkuntrattaw id-dejn huma kien jiggestixxu negozju, dan illum inghalaq ghal kollox u ghalhekk l-atturi bil-fors kellhom jipprocedu biex jipprotegu l-kreditu taghhom.

Kwantu ghall-ammont dovut l-ammonti ndikati mill-atturi fil-prospett esebit matul il-kors tal-kawza ma gewx ikkontestati u ghalhekk jirrizultaw dovuti. Jidher infatti li l-konvenuti waqfu jhallsu f'April tas-sena 2002 u ghalhekk lahqu hallsu tmienja u ghoxrin-il skadenza ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) il-wahda ammontanti ghal tlett elef u mitejn Lira Maltin (Lm3,200) u ghalhekk l-ammont dovut dakinhar li bdiet il-kawza kien dsatax-il elf u sitt mija Liri Maltin (Lm19,600) li maghhom irid jizdied l-imghax perkorribli minn dakinhar illi gew kontrattati billi si tratta kjarament ta' obligazzjoni kummercjali.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici, tiddikjara li l-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu koncess lilhom u tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' dsatax-il elf u sitt mija Liri Maltin (Lm19,600) bl-imghaxijiet mit-28 ta' Dicembru, 1999.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------